Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tad-19 ta' Mejju 2010 – Wieland-Werke *et* vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-11/05)

"Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-pajpijiet tar-ram għall-plumbing — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Ksur kontinwu u f'diversi forom — Prinċipju ta' nulla poena sine lege — Prinċipju ta' ne bis in idem — Multi — Impatt konkret fuq is-suq — Daqs tas-suq ikkonċernat — Tul tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti"

1. *Dritt Komunitarju — Prinċipji ġenerali tad-dritt — Ċertezza legali — Legalità tal-pieni (ara l- punti 58-63)*

2. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Kummissjoni permezz tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 — Ksur tal-prinċipju ta' nulla poena sine lege — Assenza (Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2) u (3) (ara l-punti 64-72)*

3. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur — Deċiżjoni preċedenti li tikkonstata ksur imwettaq mill-istess impriża — Ksur li jikkonċerna swieq ta' prodotti differenti għalkemm viċini — Nuqqas ta' rabtiet ta' kundizzjonalità jew ta' koordinazzjoni bejn iż-żewġ ksur — Nuqqas ta' pjan globali intiż sabiex joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni — Nuqqas ta' identiċità bejn il-ksur li huwa s-suġġett taż-żewġ deċiżjonijiet — Ksur tal-prinċipju ta' ne bis in idem — Assenza (Artikolu 81 KE) (ara l-punti 81-83, 87)*

4. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Setgħat tal-Kummissjoni — Setgħa li tinqasam proċedura (Artikolu 81 KE) (ara l-punt 101)*

5. *Kompetizzjoni — Multi — Linji gwida għall-kalkolu tal-multi — Metodu ta' kalkolu li jieħu inkunsiderazzjoni diversi elementi ta' flessibbiltà (Artikolu 229 KE; Regolamenti tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15(2), u Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03) (ara l-punti 108-112)*

6. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Natura dissważiva — Evalwazzjoni — Obbligu li tissanzjona inqas impriża li tkun ipparteċipat simultanjament f'diversi ksur — Assenza (Regolamenti tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15, u Nru 1/2003, Artikolu 23) (ara l-punti 114, 115)*

7. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet — Kontenut neċessarju (Regolamenti tal-Kunsill Nru 17 u Nru 1/2003) (ara l-punti 129-131)*

8. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Akkordju orizzontali fuq il-prezz — Taqsim tas-suq — Ksur serju ħafna (Artikolu 81(1) KE; Regolamenti tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15, u Nru 1/2003, Artikolu 23) (ara l-punti 138-140)*

9. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Teħid inkunsiderazzjoni tal-impatt konkret fuq is-suq (Regolamenti tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15, u Nru 1/2003, Artikolu 23; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, punt 1A) (ara l-punti 143-149)*

10. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Daqs tas-suq tal-prodotti inkwistjoni — Teħid inkunsiderazzjoni (Regolamenti tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15(2), u Nru 1/2003, Artikolu 23(2)); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, punt 1A) (ara l-punti 160-163)*

11. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità (Regolamenti tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15(2), u Nru 1/2003, Artikolu 23(2)) (ara l-punt 166)*

12. *Kompetizzjoni — Multi — Deċiżjoni li timponi multi — Obbligu ta' motivazzjoni — Portata (Artikolu 253 KE; Regolamenti tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15(2), u Nru 1/2003, Artikolu 23(2)) (ara l-punti 177, 179)*

13. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Natura dissważiva — Teħid inkunsiderazzjoni tad-daqs u tar-riżorsi globali tal-impriża ssanzjonata (Regolamenti tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15(2), u Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, punt 1A) (ara l-punti 189, 190, 192)*

14. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Tul tal-ksur — Ksur għal perijodu twil — Żieda ta' 10 % tal-ammont inizjali fis-sena (Regolamenti tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15(2), u Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, punt 1B) (ara l-punti 203, 205, 206)*

15. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti (Regolamenti tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15(2), u Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03) (ara l-punt 227)*

Suġġett

Fl-ewwel lok, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2004) 2826, tat-3 ta' Settembru 2004, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-1/38.069 – Pajpijiet tar-ram għall-plumbing) u, fit-tieni lok, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multi imposti permezz ta' din id-deċiżjoni fuq ir-rikorrenti u, fit-tielet lok, kontrotalba tal-Kummissjoni għaż-żieda tal-imsemmi ammont.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Il-kontrotalba mressqa mill-Kummissjoni Ewropea hija miċħuda.

3) Wieland Werke AG, Buntmetall Amstetten GmbH u Austria Buntmetall AG għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom u 90 % tal-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni.

4) Il-Kummissjoni għandha tbati 10 % tal-ispejjeż tagħha.

5) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tad-19 ta' Mejju 2010 – Outokumpu u Luvata vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-20/05)

"Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-pajpijiet tar-ram għall-plumbing — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Multi — Daqs tas-suq ikkonċernat — Ċirkustanzi aggravanti — Reċidiva"

1. *Proċedura — Preżentazzjoni ta' motivi ġodda fil-mori tal-kawża — Kundizzjonijiet (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikoli 44(1) u 48(2)) (ara l-punti 57, 58)*